

IL-MOTIVAZZJONI TA' DAWK LI JĦADDMU BIEX JIMPLIMENTAW IL-PROMOZZJONI TAS-SAĦĦA FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL: SOMMARJU TA' RIEŻAMI TAL-LETTERATURA

Introduzzjoni

Il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol (WHP) hija l-isforz ikkombinat ta' dawk li jħaddmu, l-impjegati u s-soċjetà biex itejbu s-saħħa u l-benesseri tan-nies fuq il-post tax-xogħol. Dan jista' jinkiseb permezz ta' taħlita ta': titjib fl-organizzazzjoni u l-ambjent ta' fuq ix-xogħol; il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati kollha fil-proċess; u l-inkoraġġiment għal żvilupp personali. Huwa importanti li wieħed jinnota li d-WHP timmira li tkun appoġġ kumplimentari għal, iżda mhux sostitut ta', ġestjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol. Ġestjoni xierqa tar-riskju hija pedament essenzjali biex programm tad-WHP ikun ta' suċċess. L-iżvilupp u s-sostenn ta' ambjent tax-xogħol u forza tax-xogħol li jmessu 'l quddiem is-saħħa għandhom benefiċċji ċari għall-kumpaniji u l-impjegati, iżda jistgħu jwasslu wkoll għal titjib fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Ir-rapport li dan il-fuljett jiġbor fil-qosor jippreżenta s-sejbiet ta' revizzjoni tal-letteratura li timmira biex tidentifika r-raġunijiet, l-argumenti u l-motivazzjonijiet ewlenin biex dawk li jħaddmu jimplimentaw inizjattivi ta' promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, u jiddiskutu xi wħud mill-isfidi u l-ostakoli assoċjati. Dan l-għarfien jista' jintuża biex jinkoraġġixxi u jimmotiva lil dawk li jħaddmu biex jibdeu id-WHP.

Motivazzjoni għal dawk li jħaddmu biex jimplimentaw id-WHP

Il-motivazzjonijiet kienu kklassifikati bħala fatturi interni (dawk fi ħdan l-organizzazzjoni) u fatturi esterni (dawk barra mill-organizzazzjoni). Is-sejbiet ewlenin tar-reviżjoni tal-letteratura kienu kif ġej:

Fatturi interni ta' motivazzjoni

- Hemm evidenza li tindika li l-programmi u l-miżuri tad-WHP jista' jkollhom impatt reali u sinifikanti fuq iż-żieda tar-rati tal-produttività u l-produzzjoni.
- Il-programmi tad-WHP ġew assoċjati mat-tnaqqis fl-assenteiżmu u fl-ispejjeż assoċjati minħabba mard u diżabbiltà.
- Intwera li l-programmi tad-WHP għandhom impatt pożittiv fuq il-preżenteiżmu.
- It-tisħiħ tas-saħħa u l-benesseri tal-ħaddiema permezz tal-programmi ta' promozzjoni tad-WHP jista' jirriżulta f'livelli msaħħa ta' sodisfazzjon tax-xogħol u impenn organizzattiv fost il-ħaddiema.
- Wieħed mill-benefiċċji ta' investiment fi programmi ta' promozzjoni tas-saħħa strutturati sew huwa t-tnaqqis tad-dawran tal-persunal u t-titjib fir-reklutaġġ ta' ħaddiema ġodda. Jista' jkun hemm ukoll titjib fil-moral tal-persunal, li jista' jkollu wkoll impatt indirett fuq ir-rata tad-dawran tal-impjegati.
- Hemm evidenza, u għarfien, dejjem jikbru, li n-nuqqas tas-saħħa u l-benesseri tal-impjegati huma marbuta ma' probabbiltà akbar ta' aċċidenti u korrimenti industrijali. Għaldaqstant, inizjattivi fuq il-post tax-xogħol biex jippromwov u s-saħħa tal-ħaddiema jista' jkollhom impatt indirett ta' benefiċċju billi jnaqqsu l-ispejjeż imġarrba minn kumpaniji minħabba aċċidenti u korrimenti fuq il-post tax-xogħol.
- Hemm korp dejjem jikber ta' evidenza li jindika li ħafna inizjattivi u strateġiji ta' promozzjoni tas-saħħa implimentati fuq il-post tax-xogħol jistgħu jwasslu għal iffrankar reali u sinifikanti tal-ispejjeż għall-organizzazzjonijiet.

Fatturi esterni ta' motivazzjoni

- Ir-riċerka tindika li d-WHP, u magħha l-benesseri msaħħaħ tal-impjegati, jista' jkollhom il-benefiċċju indirett li jtejbu s-servizz tal-klijenti u, b'riżultat ta' dan, il-lealtà tal-klijenti.

- Il-kumpaniji li jipprovdu d-WHP lill-impjegati tagħhom huma meqjusa bħala impjegaturi attraenti u responsabbli. Benefiċċju addizzjonali ta' immaġni korporattiva msaħħa huwa l-viżibbiltà miżjuda għal impjegati potenzjali futuri.
- L-appoġġ permezz ta' inizjattivi lokali u governattivi jistgħu jkunu speċjalment importanti għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li għandhom riżorsi u kompetenza interna limitati biex jiddisinjaw u jimplimentaw programmi bħal dawn.
- Programmi ta' appoġġ minn kumpaniji tal-assigurazzjoni u/ jew forom oħra ta' inċentivi estern ġew osservati li huma strateġija utli biex jinkoraġġixxu lil dawk li jħaddmu biex jimplimentaw u, barra minn hekk, jinvestu fil-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

Barrieri u sfidi

Ir-reviżjoni tal-letteratura identifikat numru ta' fatturi li jista' jkollhom impatt fuq l-impenn ta' dawk li jħaddmu fid-WHP. Dawn jinkludu:

Barrieri

- Nuqqas ta' infrastruttura tas-sigurtà okkupazzjonali u tas-saħħa.
- Perċezzjoni negattiva tar-rekwiżiti u l-benefiċċji tas-saħħa okkupazzjonali.
- Nuqqas tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti.
- Kooperazzjoni mhux adegwata bejn il-partijiet interessati ewlenin fil-proċess.
- Rekwiżiti burokratiċi.
- Il-ħtieġa perċepita ta' investiment finanzjarju ewleni fi programm.
- Il-perċezzjoni ħażina minn dawk li jħaddmu u mill-organizzazzjonijiet li d-WHP għandha benefiċċji limitati jew m'għandhiex benefiċċji għall-kumpanija, taħli wisq ħin, u li mhijex responsabbiltà tagħhom.

Id-WHP u d-daqs tal-organizzazzjonijiet

Id-daqs ta' intrapriża jista' jinfluwenza l-implimentazzjoni tagħha tad-WHP, fejn ikun inqas probabbli li intrapriżi żgħar jimplimentaw azzjonijiet bħal dawn. B'mod ġenerali, postijiet żgħar tax-xogħol - b'mod partikolari ditti mikro - huma rikonossuti b'mod wiesa' bħala sfida partikolari għall-promozzjoni tas-saħħa, minħabba n-numru ta' diffikultajiet li jiffaċċjaw intrapriżi bħal dawn, bħan-nuqqas ta' riżorsi u kompetenzi. Madankollu, intrapriżi iżgħar jipprovdu wkoll kuntest ferm vantaġġuż għall-promozzjoni tas-saħħa tal-impjegati fid-dawl tal-karatteristiċi uniċi soċjali, organizzattivi u ambjentali tagħhom (bħal maniment superjuri faċilment avviciat u komunikazzjoni iżjed



faċli mal-impjegati), li jistgħu jiġu kapitalizzati sabiex jiġu implimentati b'suċċess il-programmi tad-WHP.

B'kuntrastr ma' dan, organizzazzjonijiet kbar jista' jkollhom jiddisinjaw diversi programmi differenti sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-forza kbira u diversa tax-xogħol tagħhom. Hija sfida għad-disinjatur tal-programm(i) biex jiddetermina b'mod preċiż il-prijoritajiet relattivi għal forza kbira u diversa tax-xogħol, li spiss jistgħu jiġu affettwati mil-limiti fuq ir-riżorsi umani, finanzjarji, spazjali u temporali li huma disponibbli għall-organizzazzjoni. Barra minn hekk, l-għadd kbir ta' impjegati f'organizzazzjonijiet akbar ukoll jagħmilha diffiċli biex jinkiseb appoġġ qawwi fost il-livelli kollha ta' impjegati, li huwa kritiku għas-suċċess tal-programmi tad-WHP.

Id-WHP fis-settur pubbliku kontra s-settur privat

Numru dejjem jikber ta' studji jenfasizza l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet differenti ta' diversi setturi okkupazzjonali, u konsegwentement, l-approċċi differenti għad-WHP użati fis-settur privat kontra is-settur pubbliku. Huwa importanti li titwettaq analiżi bir-reqqa tal-ħtiġijiet u l-proprietajiet f'kull settur okkupazzjonali individwali (u għal kull organizzazzjoni fi ħdanha), u li jiffasslu politiki, Prattiki u inizjattivi tal-promozzjoni tas-saħħa għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati.

Rakkomandazzjonijiet

Dawn li ġejjin huma rakkomandazzjonijiet immirati lejn dawk li jfasslu l-politiki ta' kif jinkoraġġixxu u jimmotivaw lil dawk li jħaddmu biex jinvestu fi u jimplimentaw programmi tad-WHP:

- Sensibilizzazzjoni fost dawk li jħaddmu li d-WHP hija suppliment siewi għas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali.
- Ikomplu jenfasizzaw il-każ kummerċjali għal inizjattivi tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol lill-komunità tan-negozju għaliex il-promozzjoni tas-saħħa hija bbażata fuq azzjoni volontarja miż-żewġ naħat.
- Jipprovd u għodod u kits ta' għodod b'xejn u aċċessibbli faċilment biex jgħinu lin-negozji jimplimentaw programmi tad-WHP. Dan jista' jkun partikolarment importanti fit-tneġġig ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jimplimentaw programmi bħal dawn, peress li jista' jkollhom riżorsi limitati u kompetenzi interni rilevanti.
- Jibdeu jibnu l-ħiliet, il-kwalifiki u l-bażi ta' għarfien fundamentali fost il-mexxejja tan-negozji fir-rigward tal-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol.
- Programmi ta' appoġġ mill-gvern lokali u nazzjonali jistgħu jkunu utli fit-tneġġig ta' kumpaniji iżgħar biex jimplimentaw id-WHP.
- Inċentivi pprovduti minn kumpaniji tal-assigurazzjoni jistgħu jkunu utli fit-tneġġig ta' organizzazzjonijiet biex jinvestu fi programmi u azzjonijiet tad-WHP.

Aktar informazzjoni fuq **il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol** hija disponibbli fuq: <http://osha.europa.eu/en/topics/whp>

Rieżami tal-letteratura dwar il-motivazzjoni għal dawk li jħaddmu biex jimplimentaw il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol hija disponibbli fuq:

http://osha.europa.eu/en/publications/literature_reviews/motivation-for-employers-to-carry-out-workplace-health-promotion/view